MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012

Numru 136/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Busuttil**

**vs**

**El Shahumi Isam Mohamed A**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat El Shahumi Isam Mohamed A ta’ 33 sena, bin Mohamed u Salha nee’ El Hiddar, imwieled Tripli fit-23 ta’ Lulju 1978, u residenti fil-fond Donna court, Flat 19, Triq Horatio Nelson, San Pawl il-Bahar, Malta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 53095A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer fid-9 ta’ Jannar 2012 ghal habta ta’ bejn it-8.00am u 12.30pm waqt li kien fi Triq Baskal Buhagiar, Mosta, ikkommetta serq ta’ 2 cilindri tal-gass ghad detriment ta’ Maria-Dolores Cilia, liema serq huwa ikwalifikat bil-‘lok’.

Wettaq delitt punibbli bi prigunerija fi zmien l-operat ta’ sentenza sospiza mghotija minnu nhar it-2 ta’ Marzu 2010 mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D liema sentenza llum hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Frar 2012 (esebit a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Novembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll kkunsidrat il-fatt li r-res furtiva giet ritornata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 269, 281(a), 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmien(8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum.

Il-Qorti inoltre qed testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija fil-konfronti tal-imputat fit-2 ta' Marzu 2010 ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------